**TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**(GHAWDEX)**

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. Atem

Seduta tal-Gimgha 26 ta' Frar 2016

Avviz Nru 9/2015

Tarsons Limited

Vs

Michael u Joanne konjugi Vella.

It-Tribunal,

Ra' l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-kumpanija attrici talbet il-hlas fis-somma ta' tlett elef mija u disa' Ewro u tletin centezmu (€ 3109.30) bilanc dovut ghal xoghol ta' rham mahdum u mwahhal lil konvenuti. Bl-ispejjes kif mitlub.

Ra' r-risposta tal-konvenuti li permezz taghha eccepew illi: t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt; illi huma ma ghandhom jaghtu xen; illi l-appalt kien fil-valur ta' € 5000 u mhux kif indikat fl-aviz tat-talba; illi s-socjeta attrici ma esegwitx l-appalt taghha u dan ghal diversi ragunijiet kif moghtija fit-tielet eccezzjoni; illi l-materjal supplit kien difettuz; illi x-xoghol tal-kumpanija attrici tant kien hazin illi kkawza danni sostanzjali lil konvenuti.

Ra' d-dokumenti kollha esebiti.

Sema' x-xhieda bil-gurament u ra' t-traskrizzjonijiet ta' l-istess xhieda.

Ra' d-digriet u l-verbali kollha tieghu nkluz dak tat-tnejn (2) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) illi permezz tieghu din il-kawza giet diferita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konvenuti qed jilmentaw mix-xoghol supplit lilhom. Jinghad bla tlaqlieq illi d-deposizzjoi tax-xhieda tal-kumpanija attrici Tarcisio Cremona u Josef Cremona (li originarjament xhedu permezz ta' affidavit) ftit ghenet sabiex wiehed jifhem il-kontestazzjoni ghaliex apparti li ma kienet konsistenti l-anqas kienet cara (ara kontro ezami).

Il-konvenuti ressqu ix-xhieda taghhom permezz ta' affidavit, fejn huma indirizzaw kwistjonijiet li jmorru lil hinn mill-mertu propju tal-kawza u sa certa punt huma rrilevanti.

It-Tribunal fir-risoluzzjoni ta' din il-kwistjoni jhoss illi ghandu jaghti piz lix-xhieda ta' Jimmy Said li xehed fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2015. L-ilmenti li jsemmi Said li kien il-persuna inkarigata mit-tpoggija tat-tarag, kienu illi kien hemm rhama tal-pjan li ma kienitx taqbel mal-bqija u ghalhekk ma tpoggietx. Said jghid illi sussegwentament il-konvenuti rmedjaw din is-sitwazzjoni wehedhom billi poggew pjan ta' kulur li jaqbel. Kien hemm xi difetti bhal rham nkullat flok wahda shiha.

Min nahha tal-konvenuti kien hemm lment ta' dewmien bla bzonn, haga ikkonfermata wkoll minn Jimmy Said. Izda l-konvenuti ma gabu l-ebda prova li dan id-dewmien ikkawzalhom xi danni jew spejjes. Wiehed jista' jifhem il-frustrazzjoni li l-kumpanija attrici kienet tikkawza lil konvenuti meta wriet ruhha inkompetenti ferm f'xogholha tant illi l-provvista tal-materjal kienet tasal ghand il-konvenuti bil-pezzi bukkuni. Izda dan ma jistax wahdu jigi kwantifikat fi flus.

Hemm qbil illi l-konvenuti hallsu lil attur is-somma ta' elfejn u hames mitt Ewro (€ 2500). Dan it-Tribunal ma ghandux dubbju illi l-prezz mifthiem ghat-tarag kien ta' hamest elef Ewro (€ 5000). Skond il-ligi meta jigi kwotat prezz (ara dokument a fol 16 tal-process) u ma jissemma xejn dwar it-taxxa fuq il-Valur Mizjud din it-taxxa ghandha tigi kkunsidrata li hi nkluza fil-prezz u ghalhekk ma huwiex lecitu li tigi mizjuda extra. Kwindi l-bilanc li jifdal mill-ftehim huwa ta' elefejn u hames mitt Ewro (€2500) (Vat Inkluza).

Minkejja li t-talba attrici qeghda ghal ammont akbar ma saret l-ebda prova li kien hemm xi ammont ulterjuri dovut.

Minn din is-somma ta' elfejn u hames mitt Ewro (€ 2500) iridu jitnaqqsu l-ispejjes inkorsi mill-konvenuti sabiex irrimedjaw is-sitwazzjoni kif ukoll xi kumpens ghal fatt illi certa xoghol imqieghed ma hux skond l-arti u s-sengha.

Dwar l-ispejjes issir referenza ghar-rendikont prezentat mill-konvenut a fol 91 tal-process; fejn jidher car illi d-danni huma minfuha wahda u sew. Dak li ser jikkonsidra dan it-Tribunal minn dak ir-rendikont huwa l-materjal ossia rham mixtri fl-ammont ta' € 420 kif sancit ukoll b'ricevuta fiskali u invoice (fol 92); it-tpoggija fl-ammont ta' € 60 u l-kolla

fl-ammont ta’ € 11.50. Ser isir allokazzjoni arbitrio boni viri ta’ € 70 ghal xoghol ta’ finishing u xoghol mixxellanju. Dan ghal total ta’ € 561.50.

Arbitrio boni viri wkoll, wara li dan it-Tribunal fehem illi l-lamentali dwar ix-xoghol li ma hux skond l-arti u s-sengha ghalkemm huma validi ma humiex daqshekk gravi, qed jigi allokat tnaqqs ghal dan fl-ammont ta’ mitejn Ewro (€ 200).

Ghalhekk mill-bilanc dovut ta’ elfejn u hames mitt ewro (€ 2500) ghandha titnaqqas is-somma ta’ seba mija u wiehed u sitt in ewro u hamsin centezmu (€761.50).

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li jilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti limitatament sakemm kompatibbli ma dak suespost, jilqa’ t-talbiet attrici limitatament fis-somma ta’ elf seba’ mija u tmienja u tletin Ewro u hamsin centezmu (€ 1738.50) (li ghandha tkun meqjusa li tinkludi t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u tikkundanna lil konvenuti ihallsu l-istess somma lil kumpanija attrici. Bl-imghax mid-data ta’ din is-sentenza l-quddiem. Fic-cirkostanzi l-ispejjes jinqasmu kwant ghal 3/7 minn l-attur u 4/7 mill-konvenuti.

Kevin Mompalao

Gudikatur

Daniel Sacco

D/Registratur